# LECTIO DIVINA

# IT-TIELET ĦADD TAL-AVVENT (B)

**Ġw 1, 6-8.19-28**

**Is-silta hija parti mill-Prologu ta' San Ġwanni li waqt li jitkellem minn Ġesu', idaħħal fih il-figura tal-Battista: v. 1-5 (Ġesu'), v.6-8 (Battista), v.9-14 (Ġesu'), v.15 (Battista), v.16-18 (Ġesu') u jkompli bix-xhieda tal-Battista (19-37). Dan juri l-konnessjoni kbira li teżisti bejniethom it-tnejn.**

**"Kien hemm raġel mibgħut minn Alla, jismu Ġwanni." (v.6)**
Fil-versi ta' qabel kien hemm diskors solenni: "Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien Alla…", issa għandna diskors konkret. Il-Kelma trid tinkarna.
***"raġel"*: *antropos***, terminu li jindika bniedem in ġenerali.
***"mibgħut minn Alla"*:** Huwa dak li ma jagħmel xejn b'inizjattiva proprja tiegħu. Huwa qaddej, mimli limiti u dgħufija.
***"Ġwanni"*:** L-isem li jfisser don, grazzja, imħabba t'Alla. Għalhekk kull min huwa mibgħut huwa don, huwa l-imħabba t'Alla lejn l-oħrajn.

**"Dan ġie bħala xhud, biex jixhed għad-dawl, biex bih kulħadd jemmen." (v.7)**
**X'ifisser tkun xhud tad-Dawl:**
**Ġw 1, 35-37:** « L-għada Ġwanni raġa' kien hemm ma' tnejn mid-dixxipli tiegħu. Ħares lejn Ġesù li kien għaddej minn hemm, u qal: "Araw il-Ħaruf ta' Alla." Iż-żewġ dixxipli semgħuh jgħid dan, u marru wara Ġesù. ». ***Ifisser li tkun kapaċi toħroġ mix-xena u tagħti lil Kristu d-'dixxipli' tiegħek. Tkun kapaċi tirreżisti għal kull tentazzjoni li tħares lejk innifsek.***

**Ġw 3, 21-30:** « Wara dan, Ġesù ġie mad-dixxipli tiegħu fl-art tal-Lhudija, u baqa' hemm magħhom jgħammed. Ġwanni wkoll kien qiegħed jgħammed f'Għajnun, qrib Salim, għax f'dik in-naħa kien hemm ħafna ilma; u n-nies kienet tiġi biex titgħammed. Sa issa lil Ġwanni kienu għadhom ma tefgħuhx fil-ħabs. Ġara mela li d-dixxipli ta' Ġwanni tlewwmu ma' wieħed Lhudi fuq ir-rit tal-

purifikazzjoni, u ġew għand Ġwanni jgħidulu: "Rabbi, kien hemm raġel miegħek in-naħa l-oħra tal-Ġordan, dak li int xhedt għalih. Issa, ara, hu qiegħed jgħammed, u kulħadd sejjer għandu." Ġwanni weġibhom: "Ħadd ma jista' jirċievi xi ħaġa jekk ma tingħatalux mis-sema. Intom stess tistgħu tixhdu li jiena għedtilkom li 'jien m'iniex il-Messija,' imma biss li 'jien kont mibgħut qablu.' Dak li għandu l-għarusa huwa l-għarus; imma l-ħabib ta' l-għarus, li jkun ħdejh u jisimgħu, jifraħ ħafna meta jisma' leħen l-għarus. U dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet. Jenħtieġ jikber hu u niċkien jiena." » ***Ifisser tkun kapaċi tneħħi kull attenzjoni minn fuqek b'attitudni ta' ferħ biex tara lil Kristu jikber dejjem iżjed. Il-leħen (tal-għarus) – il-kwalita' li biha jiddeskrivi lilu nnifsu Ġwanni huwa realta' li ma tistax taraha.***

**Ġw 5, 33-35:** « Intom bgħattu tistaqsu lil Ġwanni, u hu ta xhieda għall-verità. Mhux għax jien għandi bżonn ix-xhieda ta' bniedem, imma qiegħed ngħidilkom dan għas-salvazzjoni tagħkom. Għax dak kien musbieħ jixgħel u jiddi, u intom, għal ftit, ridtu tifirħu bid-dawl tiegħu. » ***Ifisser li ħajtek tkun karatterizzata mix-xhieda għal Kristu bla ma tibża' 'titlef' lil dawk li għandek miegħek.***
Niftakru li t-tentazzjoni tal-'Ġenesi tagħna' kienet tikkonsisti f'li wieħed isir bħal Alla... li jieħu l-post ta' Alla.

***"ġie bħala xhud,":*** Ġie għax għandu missjoni speċifika x'iwettaq.

**"Ġwanni ma kienx id-dawl, imma ġie biex jixhed għad-dawl," (v.8)**
Il-Vanġelu ta' Ġwanni inkiteb fit-tmien tal-ewwel seklu. Kien żmien fejn fil-Palestina kif ukoll fl-Asia Minuri kien għad baqa' persuni li ġew f'kuntatt mal-Battista u tgħammdu minnu (ara Atti 19,3). Il-fatt ukoll li (kif jidher minn barra) kien hemm xebh bejn it-tagħlim ta' Ġwann u dak ta' Ġesu' - it-tnejn kienu jħabbru l-miġja tas-saltna (Mt 3,1-2) u talbu l-konverżjoni (Mt 4,17) - fl-erba' Vanġeli hemm insistenza mill-Battista fejn jafferma li huwa mhuwiex il-Messija (Mt 3, 3. 11; Mark 1,2.7; Lq 3, 4. 16; Ġw 1, 19-23.30; 3, 28-30).

***"biex jixhed għad-dawl":*** Ix-xhud jikkomunika lill-oħrajn dak li huwa kien preżenti għalih: "Qegħdin inxandrulkom dak li aħna rajna u smajna, biex intom tissieħbu magħna (1 Ġw 1, 3-4); Il-Battista qed jgħin lin-nies jiskopru l-preżenza tal-Kelma fil-ħajja.

Fil-versi 7-8 hemm imsemmija 3 darbiet il-kelma 'xhud'. Filwaqt li għal Mark il-Battista huwa dak li ġie qabel Kristu biex iħejjilu t-triq u jitlob in-nies biex jikkonvertu, Ġwanni jippreżentah bħala dak li jixhed għad-dawl (Kristu).

**"Ix-xhieda ta' Ġwanni kienet din: meta l-Lhud ta' Ġerusalemm bagħtu għandu xi qassisin u Leviti biex jistaqsuh, "Int min int?", hu stqarr bla ma ċaħad: "Jien m'iniex il-Messija." Huma reġgħu staqsewh: "Mela min int? Elija?" "M'iniex," qalilhom. "Int il-Profeta?" "Le," weġibhom. Mbagħad qalulu: 'Mela min int? Biex nagħtu tweġiba lil dawk li bagħtuna. Min tgħid li int?"' (v. 19-22)**

***"Mela min int? Elija?":*** Malakija li kien l-aħħar profeta kien ħabbar li qabel Jum il-Mulej ser jiġi l-Profeta Elija (ara Mal 3,23-24). U Ġesu' jirreferi għall-Battista b'dan l-isem: "Elija ġa ġie, u huma baqgħu ma għarfuhx, imma ġiebu ruħhom miegħu kif għoġobhom... Mbagħad id-dixxipli fehmu li hu kien qiegħed jgħidilhom għal Ġwanni l-Battista" (Mt 17, 12-13).

**"Int il-Profeta?":** Il-poplu kien qed jistenna fl-aħħar taż-żmenijiet profeta kbir bħal Mose'(ara Dt 18,15). Ġesu' jgħid dwar Ġwanni: "Mela għalfejn ħrigtu? Biex taraw profeta? Iva, ngħidilkom, anzi xi ħaġa iżjed minn profeta" (Lq 7,26). Meta Ġwanni qed jgħid "Le", li mhuwiex il-Profeta qiegħed fl-istess waqt jagħmilha ta' profeta. Qed jgħinhom jippurifkaw l-istennijiet tagħhom u bl-istil tiegħu, bix-xejn tiegħu hu qiegħed iressaqhom lejn Kristu.

**" U hu wieġeb kif qal il-profeta Isaija: "Jiena leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert. 'Wittu t-triq tal-Mulej.' " (v.23)**

Għal tlett darbiet jgħid li mhuwiex. Infatti huwa Kristu: dak li huwa Ikbar (Mt 11,11; Lq 7,28); Aqwa (Mt 1,7; Lq 3,16); li Jiġi qabel (Ġw 1,15). Iqiegħed lil Kristu fiċ-ċentru bla ma jitfa' l-ebda attenzjoni fuq il-persuna tiegħu.

Ġwanni jmur hu fid-deżert u jsir hu t-triq. Ħajtu kollha ssir triq biex Ġesu' ikun jista' jiġi.

Jikkwota lil Is 40,3. Il-kelma t'Alla, f'atteġġjament ta' ubbidjenza kienet isservi għall-Battista biex jifhem aħjar min hu u dak li Alla kien qiegħed jitlob minnu (ara Tim 3, 15-17).

**"Issa dawk il-messaġġiera kienu min-naħa tal-Fariżej. Huma staqsewh: "Mela kif qiegħed tgħammed la m'intix il-Messija, u la Elija u lanqas il-Profeta?" (v.24-25)**

***"kienu min-naħa tal-Fariżej":*** Kull tip ta' interuzzjoni (taħt forma ta' għejja, nuqqas ta' focus, ...) isiru stediniet biex niċċara aħjar il-missjoni tiegħi. Jgħinuni niċċara wkoll min hu Ġesu' bħalissa għalija, min jien u x'inhi l-missjoni tiegħi.

Nifhmu aħjar dan l-atteġġjament fid-dawl tal-qawl "When the sage points at the moon, the fool looks at the finger".

**"Jiena ngħammed bl-ilma," weġibhom Ġwanni, "imma f'nofskom hemm wieħed li intom ma tafuhx," (v.26)**

**"ma tafuhx":** "Tabilħaqq, anqas jien ma kont nafu" (Ġw 1,33). Ġwanni qed jgħid li Kristu huwa preżenti fostna imma li jrid li jiġi magħruf. L-għarfien ta' Kristu qatt ma huwa biżżejjed u huwa għarfien li jrid dejjem jiġi ppurifikat. Huwa għarfien dejjem ġdid, bħalma kien dak tad-dixxipli wara l-Qawmien.

**"Dan ġara f'Betanja, in-naħa l-oħra tal-Ġordan, fejn Ġwanni kien jgħammed." (v.28)**

Betanjja, li tinsab n-naħa l-oħra tal-Ġordan, 'l barra mit-territorju ta' Iżrael issa ser tkun il-post tal-komunita' ta' Ġesu' (ara 10, 40-42).

L-ewwel parti tal-Prologu li titkellem fuq il-Kelma tieqaf biex jidħol dritt Ġwanni x-xhud li huwa t-tkomplija tal-Kelma. Il-Kelma titlob li tkompli tgħix u taħdem f'min jismagħha. Ix-xhieda hija l-kategorija fundamentali tal-Vanġelu.